

Emenda 31

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal risoluzzjoni

f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

B9-0272/2021

Mozzjoni għal risoluzzjoni**Paragrafu 34***Mozzjoni għal risoluzzjoni*

34. Huwa tal-fehma li ***bl-adozzjoni taż-żewġ deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li mhumiex konsistenti mad-dritt tal-Unjoni, mingħajr ma jiġi indirizzat it-tħassib kollu espress f'din ir-risoluzzjoni, il-Kummissjoni qed tmur lil hinn*** mis-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lilha bir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva (UE) 2016/680; ***joġġezzjona*** għalhekk għaż-żewġ atti ta' implimentazzjoni fuq il-bażi li l-abbozzi ta' deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni ***mhumiex*** konsistenti mad-dritt tal-Unjoni;

Emenda

34. Huwa tal-fehma li, ***abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-livell ta' protezzjoni attwalment mogħti lil data personali skont il-liġi u l-prattika tar-Renju Unit huwa essenzjalment ekwivalenti għal dak fl-UE; iqis li l-Kummissjoni qiegħda tagħmel użu*** mis-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lilha bir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva (UE) 2016/680; ***jappoġġa*** għalhekk għaż-żewġ atti ta' implimentazzjoni fuq il-bażi li l-abbozzi ta' deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni ***huma*** konsistenti mad-dritt tal-Unjoni;

Or. en

17.5.2021

B9-0272/32

Emenda 32

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

B9-0272/2021

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

35. Jistieden lill-Kummissjoni ***temenda*** ***ż-żewġ*** abbozzi ta' deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni bil-għan li ***tagħmilhom kompletament konsistenti mal-liġi u l-ġurisprudenza tal-UE***;

Emenda

35. Jistieden lill-Kummissjoni ***tadotta fil-ħin iż-żewġ*** abbozzi ta' deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni, ***jiġifieri qabel tmiem il-perjodu provviżorju***, bil-għan li ***tevit*** kwalunkwe ***tfixkil għall-kumpaniji Ewropej jew għat-trasferimenti għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi***;

Or. en

17.5.2021

B9-0272/33

Emenda 33

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

B9-0272/2021

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

40. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib il-liġi u l-prattiki dwar il-protezzjoni tad-data fir-Renju Unit, tinforma immedjatament lill-Parlament ***u tikkonsulta miegħu*** dwar kwalunkwe bidla futura fir-reġim ta' protezzjoni tad-data tar-Renju Unit, ***u li l-Parlament ikollu rwol ta' skrutinju fil-qafas istituzzjonali l-ġdid, inkluż għal korpi*** rilevanti bħall-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja;

Emenda

40. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib il-liġi u l-prattiki dwar il-protezzjoni tad-data fir-Renju Unit, tinforma immedjatament lill-Parlament dwar kwalunkwe bidla futura fir-reġim ta' protezzjoni tad-data tar-Renju Unit, ***kif ukoll dwar diskussjonijiet relatati fil-korpi*** rilevanti bħall-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja, ***u tqis il-pożizzjoni tal-Parlament dwar dawn;***

Or. en